# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 220 :: SETTEMBRU, 2014



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Minħabba li f'Settembru se jkollna l-Programm Mużiko-Letterarju (ara l-avviż hawn taħt) mhux se jkollna l-laqgħa tax-xahar li jkollna s-soltu.

## ADRIAN GRIMA JAQRA L-POEŻIJI TIEGĦU F'FEDERATION SQUARE





Nhar is-Sibt 16 ta' Awwissu, il-poeta Malti, Dr Adrian Grima, ġie mistieden biex jaqra l-poeżiji tiegħu f'Federation Square, Melbourne. Din kienet sessjoni oħra ta' Poetry@fedsquare li tinżamm kull tielet Sibt tax-xahar fl-Atrium, Federation Square, Melbourne, ħdejn il-bini tal-SBS, bejn is-2 pm u l-4 pm. Din id-darba inżammet fl-Atrium, jew aħjar il-post misjub bħala il-Bubble. Din l-inizjattiva ilha għaddejja mill-2006 u llum titmexxa mill-poeta Grieg Dimitris Troaditis. Fil-qari tiegħu ta' ftit aktar minn nofs siegħa, Adrian Grima qralna x-xogħlijiet tiegħu bil-Malti u traduzzjonijiet għall-Ingliż, fosthom mill-aħħar ktieb tiegħu li ħareġ, f'Derry l-Irlanda ta' Fuq, fl-2013, bl-isem ta' Xufftejk Spjegati / Deciphered Lips. Adrian tant intlaqa' tajjeb li wara li kien hemm waqfien ta' nofs siegħa, reġa' ġie mistieden biex jaqralna aktar poeżiji minn tiegħu. Adrian kien akkumpanjat minn Nick Tsiavos fuq il-kuntrabaxx. Ħadna gost naraw ħafna membri tal-Grupp Letteraruta Maltija tal-Victoria jattendu. Hemm iltqajna għal darb'oħra mall-familja tiegħu, martu Natalie, uliedu Samuel u Raphael, u ommu, Doreen.

## SERATA MUŻIKO-LETTERARJA FIL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex saret Serata Letterarja li fiha għadd ta' kittieba Għawdxin, fosthom Joe Camilleri, Dun Gorg Mercieca, Charles Bezzina, l-Avukat Alfred Grech, Ganninu Cremona, Joe W Psaila, Patri Remiġ Galea Kapuċċin (nawgurawlu minn qalbna għax dawn il-jiem qed jagħlaq 50 sena saċerdot), Anton F Attard, Gorg Pisani (qari minn ibnu n-Nutar Paul G Pisani) qraw siltiet mix-xogħlijiet tagħhom. Inqara wkoll feature letterarju tal-Kav. Joe M Attard, li qed jieħu din l-inizjattiva, dwar il-'Bajjiet Għawdxin fil-Poeżija'. Ħadu sehem Antoinette Grech, M'Louise Attard u Maria Schembri. Żewqu s-serata l-pjanista u kantanta Mariella Cefai Spiteri, is-sopran Rosebelle Pavia u Josephine Grima. Ippresieda l-Onor Ministru għal Għawdex l-Avukat Anton Refalo. Dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Letteratura Maltija ġew mistiedna biex jattendu.

---

**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria**

*qed jorganizza*

# PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

**Nhar il-Ħadd, 28 ta' Settembru**

**fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville**

**fis-2.00 pm**

*Kulħadd mistieden li jattendu u ġibu lil tal-familja u lill-ħbiebkom magħkom — **DĦUL B'XEJN***

# ANTOLOĠIJA TAL-LETTERATURA MALTIJA

Fis-sensiela internazzjonali ta' kotba *Lesser Used Languages of Europe* (maħruġa minn Francis Boutle Publishers ta' Londra – email:info@francisboutle.co.uk), is-sitt volum huwa ***This Fair Land – An Anthology of Maltese Literature***, editjat minn Charles Briffa b'daħla minn Oliver Friggieri (editur tas-sensiela: Alan M. Kent, 2014 – ISBN 978 1 903427873), 525 pp. Din l-antoloġija, li għadha kemm ħarġet issa f'Awwissu, turi l-iżvilupp tal-moħħ Malti matul iż-żminijiet u għaldaqstant tiċċelebra l-isforzi intellettwali tal-Maltin.

Hija ġabra komprensiva ta' madwar 200 test bil-Malti akkumpanjati minn traduzzjonijiet friski bl-Ingliż. Mill-għajdut orali tas-sekli mgħoddija u l-ftit kitbiet bikrin bil-Malti sal-esperimenti u t-taħbit biex il-Malti jibqa' ħaj tas-sekli tmintax u dsatax u l-kisbiet kbar fil-kitba bil-Malti tas-sekli għoxrin u wieħed u għoxrin, *This Fair Land* jesplora l-isforzi ta' kittieba individwali u joffri ġrajja ċara tal-atmosfera storika wiesgħa li sawret l-espressjoni miktuba. Poeżija, proża, drama, kitba reliġjuża, artikli ġurnalistiċi, testi storiċi, siltiet xjentifiċi, espożizzjonijiet kulturali – kollha juru l-evoluzzjoni tal-lingwa li għal sekli sħaħ kienet imwarrba mill-ħakkiema barranin u mill-Maltin tal-klassijiet għolja, imma baqgħet ħajja bis-saħħa u r-rieda tal-Maltin il-baxxi ta' bla edukazzjoni.

Il-kitbiet bil-Malti magħżula u t-traduzzjonijiet friski bl-Ingliż juru l-moħħ Malti fi żminijiet differenti u juru x'kellu ħila jikseb dan l-ilsien minkejja l-iżvantaġġi politiċi u ideoloġiċi li kienu joħonquh. Din il-ġrajja tal-Malti (l-unika lingwa Semitika indiġena li għandha l-Ewropa) qed tixxandar mad-dinja kollha f'sensiela internazzjonali li tqabbilha ma' lingwi maħqura oħra.

# Il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta 2014

Id-disa' edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura f'Malta organizzat minn Inizjamed se jittella' l-Ħamis 4, il-Ġimgħa 5, u s-Sibt 6 ta' Settembru, fi ġnien il-Furjana magħruf bħala Msida Bastion Historic Garden. Se jieħdu sehem l-awturi Noria Adel (l-Alġerija), Clare Azzopardi (Malta), Antoine Cassar (Malta), Marc Delouze (Franza), Abdulrazak Gurnah (l-Ingilterra), Walid Nabhan (Malta), Bel Olid (il-Katalunja), Marlene Saliba (Malta), Peter Semolič (is-Slovenja), Giacomo Sferlazzo (Lampedusa), u Anna Szabó (l-Ungerija). Waqt il-Festival se jkunu qed jintwerew films tal-poeżija minn Reel Festivals u film ġdid ta' Kenneth Scicluna mnebbaħ minn żewġ poeżiji ta' Doreen Micallef. Il-film ta' Scicluna hu sponsorjat mill-Fondazzjoni Valletta 2018. Id-dħul għas-serati kollha li jibdew fit-8:00pm huwa b'xejn u kulħadd jista' jattendi. Jista' jkun li ċerti xogħlijiet ikunu aktar addattati għal udjenza matura.

Tnejn mill-aħjar gruppi mużikali fix-xena Maltija, *Plato's Dream Machine* (il-Ħamis) u Kantilena (il-Ġimgħa u s-Sibt) se jdoqqu kanzunetti mill-albums ġodda li nidew f'dawn l-aħħar xhur, Għera u Senduq.

Waqt il-Festival se jkun hemm għall-bejgħ għadd ta' kotba, fosthom Klijenti Antipatiċi u Kapuċċini Kesħin u Għaraq Xort'Oħra, żewġ kotba ppubblikati minn Inizjamed u editjati minn Clare Azzopardi u Albert Gatt.

L-awturi se jkunu f'Malta fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru biex jieħdu sehem f'laboratorju tat-traduzzjoni. Se jkunu qed jittraduċu x-xogħlijiet ta' xulxin għal-lingwi tagħhom u jaqraw uħud mit-traduzzjonijiet waqt il-Festival.

Din is-sena, fil-jiem tal-Festival, se ssir l-ewwel Konferenza Internazzjonali dwar ir-Relazzjonijiet Kulturali fl-Ewropa u l-Mediterran. Il-konferenza se ssir nhar il-Ħamis 4 u l-Ġimgħa 5 ta' Settembru ġewwa l-kampus tal-Università fil-Belt Valletta. Dan l-avveniment annwali qed jittella' mill-Fondazzjoni Valletta 2018 b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u se tiddiskuti, fost l-oħrajn, aspetti tar-relazzjonijiet kulturali kontemporanji fil-Mediterran, speċjalment dawk marbutin mal-Belt Valletta bħala l-Belt Kapitali tal-Kultura. Il-kelliema ewlenin fil-konferenza se jkunu l-istoriku Henry Frendo u Mostafa Hassani-Idrissi, li editja l-manwal fuq il-Mediterran bħala parti minn Marsilja 2013. Wieħed mill-awturi tal-Festival, Giacomo Sferlazzo, li hu wkoll kantawtur u attivist politiku f'Lampedusa, se jitkellem f'din il-konferenza.

Il-Festival u l-laboratorju tat-traduzzjoni letterarja huma parti mill-inizjattiva *Literature Across Frontiers*, li kellha sehem importanti fit-twaqqif u l-iżvilupp annwali tal-Festival.

Din is-sena l-festival se jiċċelebra l-Jum Ewropew tal-Lingwi.

Id-disa' edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura f'Malta u l-workshop tat-traduzzjoni tal-LAF qed jittellgħu bl-għajnuna u l-kollaborazzjoni tal-*Malta Arts Fund*, il-Fondazzjoni Valletta 2018, ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, Din l-Art Ħelwa, *Reel Festivals, Institut Ramon Llull*, Aġenzija Żgħażagħ, l-Għaqda tal-Malti – Università, u l-iskema 'Small Initiatives' immexxija mill-Uffiċċju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Hemm paġna dwar il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta ta' din is-sena fuq Facebook bl-isem "Malta Mediterranean Literature Festival 2014".


Victoria Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# ĊRIEKI FL-GĦADIRA — Poeżiji 2005-2013 (Malta; 2013) 75 paġna



L-ewwel darba li ġew f'idejja poeżiji tal-poeta Malti Ġorġ Borg kien fuq il-bankijiet tal-iskola sekondarja meta f'waħda mill-antoloġiji li kellna fis-sillabu, iltqajt mal-poeżiji qosra imma ħelwa ta' dan il-poeta. Minn żmien għal żmien bqajt niltaqa' ma' poeżiji tiegħu 'l hawn u 'l hemm sakemm dan l-aħħar ġie f'idejja l-aħħar ktieb tiegħu bl-isem *Ċrieki fl-Għadira.*

Din l-antoloġija ta' Borg hija magħmula minn għadd kbir ta' poeżiji li l-poeta kiteb bejn is-sena 2005 u s-sena 2013. Irrid ngħid li l-poeżiji tiegħu huma karatterizzati minn żewġ aspetti qawwija; il-qosor u l-profondità. Imżewġin flimkien, dawn iż-żewġ elementi jonqxu għal Borg niċċa partikulari fil-letteratura Maltija. Kważi kważi m'hemmx għalfejn tara l-firma tal-awtur għax meta taqra poeżija ta' Borg, tkun taf li hija tiegħu. Fi *Ċrieki fl-Għadira* jien nilmaħ il-poeta li qed ifittex li jiltaqa' miegħu nnifsu. Ma' Borg ma hemmx triq tan-nofs; permezz tal-versi tiegħu huwa jinżel 'l isfel sabiex jgħarrex fil-fond tal-persuna tiegħu u ma jistrieħx qabel ma jiġi wiċċ imbwiċċ miegħu nnifsu. It-tbatija li jgħaddi minnha l-poeta hija t-tbatija tar-riċerka, ix-xewqa li jsir jaf lilu nnifsu aħjar. F'Borg m'hemmx wisa' għall-istandards doppji jew għall-ipokresija imma bħala poeta awtentiku huwa jrid ikun jaf min huwa tassew u l-poeżija hija l-għodda eċċellenti sabiex jagħmel dan. Fil-poeżija tiegħu 'Il Ġewwa Nett fil-Poeżija huwa jrid jasal sal-qalba tar-realtà li hemm fih u l-ebda moħba mhi sa twaqqfu milli jwettaq dan. Kultant, għax din ir-riċerka hija dejjem għaddejja u bla waqfien, jasal biex jiskopri dak li ma kienx jistenna.

F'Borg jien nilmaħ ukoll il-poeta realistiku. Anke jekk il-poeżija għal ħafna nies hija arti frott tal-immaġinazzjoni u s-sentimenti, il-versi ta' Ġorġ Borg juru l-oppost ta' dan. F'Logħba Karti jien inħoss li l-poeta jrid jurina li l-mixja umana tiegħu għandha bidu u tmiem u għax 'il-mazz qiegħed jiċkien' il-poeta jrid ikun b'seba' għajnejn għax l-'aħħar karta' mhix 'il bogħod'. In-nostalġija wkoll għandha rwol x'tilgħab fil-versi tiegħu għax kien hemm żmien meta 'l-ferħ kont għadni ma tliftux'. F'din il-mixja ta' ħajtu akkumpanjata – kif jgħid il-Professur Oliver Friġġieri fid-daħla – minn Alla, minnu nnifsu minn figura ideali – jispikkaw ukoll dawk ir-realtajiet li jservuh ta' ispirazzjoni u fost dawn insemmu l-baħar, is-sema u realtajiet oħra li joffru spazju, wisa' u ftuħ għax ebda poeta ma jsib is-sliem mit-turment li jifnih jekk ma jintilifx fil-beraħ li jsaltan madwaru. Għalhekk il-lejl fil-poeżiji tiegħu intitolati Il-Lejl u Dal-Lejl u f'Hemm Kwiekeb u f'Kometi huwa ċertament wieħed mill-għejun għall-ispirazzjoni tiegħu. Madankollu mqar fil-ħsus tas-solitudni meta l-poeta jistħajlu 'imqabbad ma' blata' l-aħħar kelma mhijiex dik tad-disperazzjoni imma d-destin tiegħu jinsab f'idejn qawwa moħbija li x'aktarx hija identika mal-qawwa tal-'id misterjuża' (p. 74) li tpitter u tlibbes.

M'hemmx dubju li l-poeżija ta' Borg hija mhux biss spiritwali kif fl-aħħar mill-aħħar hija l-poeżija kollha mill-istess natura tagħha, imma fuq kollox reliġjuża. Il-lirika tiegħu hija lirika li tinħadem bejn iż-żewġ realtajiet il-kbar tal-bidu u tat-tmiem; f'Viżjoni u f'Qabel Ma Ġejna joħroġ ċar li hemm nissieġ għaref li qed jaħdem kollox bħal bizzilla u mqar jekk it-tmiem jinsab riesaq dejjem bħal trapass kif jidher fil-poeżija tiegħu Mitt Pass, fi *Ċrieki fl-Għadira* Borg jgħinna biex niggustaw il-versi tiegħu għax is-sens ta' serenita' karatteristika tal-versi tiegħu hija fi qbil sħiħ mal-kontenut ġentili li jagħmel mill-awtur poeta mistiku li fit-tiftixa tiegħu għall-verità u s-sliem dejjiem jikkonvinċina li l-'għadira' ta' ħajjitna kemm fil-bnazzi kif ukoll qalb il-mewġ għandha ruħ li tehda biss fit-talb.

***— Dun Geoffrey Attard***

# RAKS XAGI*

**Raks Xagi* huwa ż-żfin li l-Ewropej laqqmu *Belly Dancing.* Dan l-isem xejn ma jmur mas-sens tar-*Raks Xagi*, għaliex daż-żfin m'għandux x'jaqsam maż-żaqq. L-arti taż-żifna hija fil-movimenti tad-dirgħajn, il-ġenbejn, u -riġlejn, speċjalment dawk tal-kitfejn, li jfissru bosta affarijiet.

Mad-daqq tal-muż'ka bdiet iż-żifna tagħha,
Isserrep 'l hawn u 'l hinn b'ġenbejn jirtogħdu
Tistħajjel li f'dal-ħin qed tbiegħ is-saħħa
Qabel jispiċċa l-lejl u jfiġġ filgħodu.

Żokritha taqbeż qisha l-mewġ tal-baħar,
Waqtiet tinxteħet fl-art bl-istar ma' wiċċha,
Ma' kull ċaqliqa tagħha n-nies tissaħħar
bil-ħrara li ma tħalli xejn jiżgiċċa.

Vulkan ġo fiha jaħraq l-enerġija,
B'dak il-baraxx f'ġenbejha jaf jitkellem;
Id-daqq taż-żmamar qisu f'xi tiġrija,
Ilebbet u bl-ipnosi jrid iħallem.

Biex tħaddem b'ħila l-Arti tar-*Raks Xagi,*
Ma tridx tkun waħda minn dawk l-huma bagi.

***Manwel Nicholas-Borg***

# *Ittri li nirċievu . . .*

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju bit-tagħrifiet dwarkom u dwar l-attivitajiet tagħkom. Inkun magħkom fl-ispirtu waqt is-serata mużiko-letterarja li sa torganizzaw għall-aħħar ta' Settembru u jalla jkun hemm konkorrenza tajba! Rajt ir-reklam ta' tagħlim tal-Malti għall-kbar "pleasure, work or travel". Jekk ikollu bżonn xi tagħrif minn hawn agħtih l-indirizz tiegħi u nara nqabbdux ma' xi ħadd mill-Akkademja li jista' jgħinu. ma' min naħseb jista' jgħin. Dejjem jekk min hu jkollu bżonn! Intant, tislijiet dejjem u sellielna għal Adrian jekk għadu hemm! Tifel jaħdem, poeta tajjeb u bniedem mill-aħjar!
Saħħa u Sliem dejjem u tislijiet
***Paul P. Borg***

Għażiż Paul, Grazzi tal-Folju tal-Aħbarijiet 219 li wassaltli u li tant napprezza għax bih nirrealizza kemm hawn Maltin imsifrin li għadhom tabilħaqq iħobbu u jistinkaw għal ilsienna. Veru li hawn mijiet ta' Maltin oħra li ftit li xejn jimpurtahom, ukoll f'Malta stess, imma għall-inqas nikkunslaw bin-numru sabiħ ta' dawk li jagħmlu minn kollox biex juru li qatt mhuma ser jinsew li huma Maltin.
Tislijiet
***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Niżżikħajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Awissu. Bilanċjat bejn aħbarijiet ta' ferħ u oħrajn ta' niket, l-aktar meta jħalluna nies, pijunieri ta' lsienna u ħbieb tagħna. Inħeġġeġ lilek u lill-kollegi tiegħek, tibqgħu sodi daqs blata biex tibqgħu ixxerrdu l-ilsien Malti, fl-Awstralja u kull fejn tistgħu.
***Mario Griscti.***

Proset Paul, Ħarġa oħra ta' interess u grazzi talli bqajtu tippromovu l-Lingwa Maltija li nħoss qed tmajna aktar ma jgħaddi ż-żmien. Għal darb'oħra grazzi .
Tislijet lilek u lil Sylvia.
***Rita, Lino u Charlie*** *(ex-Maltese Herald)*

*__Ktieb ġdid:__*

# THE SANTA MARIJA CONVOY *— the fate of a nation. Ir-rabta mal-Awstralja*

The Santa Marija Convoy - the fate of a nation, hi pubblikazzjoni ġdida ta' Kite Group. Il-ktieb ġie ppubblikat dan ix-xahar u jirrakkonta l-ġrajja ta' Operation Pedestal li hi magħrufa bħala l-Konvoj ta' Santa Marija.

Fil-ktieb hemm dettalji tal-vapuri li ħadu sehem f'din l-operazzjoni u x'ġara minn kull wieħed mill-14-il vapur merkantili li kienu bi triqthom lejn Malta. Dawn il-vapuri kienu mgħobbija b'ħażniet biex il-poplu Malti u Għawdxi jkun jista' jtaffi mill-ġuħ u l-qilla tal-gwerra. Madanakollu mhux l-14-il vapur waslu Malta minħabba l-attakki li sofrew mill-baħar u mill-ajru mill-forzi tal-għadu, b'uħud jgħerqu jew jitgħarrqu biex ma jispiċċawx f'idejn l-għadu.

Il-ktieb fih 27 illustrazzjoni oriġinali tal-artist Raymond Agius li pinġa b'dettal kull vapur tal-konvoj flimkien ma' assi tal-British Navy u l-British Air Force li kellhom il-missjoni li jagħtu protezzjoni lill-vapuri tal-konvoj. Agius twieled iż-Żejtun iżda emigra fl-Awstralja. Għalhekk minbarra l-interess ta' min jgħid l-Awstralja fl-istorja ta' Malta, hemm ukoll ir-rabta mal-artist li jgħix f'dan il-kontinent. In-narrattiva saret mill-ġurnalista li b'passjoni tikteb dwar id-destin tas-27 vapur u biċċa tal-ajru li hemm illustrati fil-ktieb.

Minbarra l-illustrazzjonijiet, il-ktieb jinkludi wkoll ritratti mill-Imperial War Museum.

Id-daħla tal-ktieb hi ta' Peter C Smith li hu awtorita' dwar Operation Pedestal u ppubblika aktar minn 70 ktieb dwar l-istorja navali u tal-gwerra. Il-kotba tiegħu ġew maqluba fi 8 lingwi. Fid-daħla tiegħu jagħmel analiżi ta' dak li għaddew minnu l-Maltin matul il-ġwerra u l-qlubija tagħhom.

Il-ktieb jolqot firxa wiesgħa ta' interessi differenti, għal min għandu għal qalbu l-istorja u għal min irid ikun jaf aktar dwar l-istorja ta' Malta.

The Santa Marija Convoy - the fate of a nation, hu ta' interess ukoll għal min japprezza l-arti, għaliex il-ktieb jinkludi 27 illustrazzjoni oriġinali li qatt ma ġew ippubblikati qabel. L-illustrazzjonijiet jittrasmettu dak li kien għaddej fuq il-baħar u fl-ajru.

Aktar informazzjoni tinkiseb minn fuq www.kitegroup.com.mt

Kull sena r-Reskeon Maltese Association and Reskeon Seniors Group jorganizzaw il-Festa ta' Marija Bambina għan-nom tal-Patrijiet tas-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl. Din is-sena se ssir Quddiesa fil-Kappella ħdejn iċ-Ċentru Malti ta' Parkville, nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 7 pm. Imbagħad nhar il-Ħadd, 14 ta' Settembru ssir il-Festa ta' Marija Bambina fil-Knisja ta' St Mary Star of the Sea, West Melbourne, 2.30 pm.

## IL-BALLU TAL-VITORJA (BAMBINA)

jinżamm nhar **is-Sibt, 6 ta' Settembru**

**fil-FIRENZE RECEPTIONS**

**134 McBryde Street, Fawkner, 6.30 pm**

Ikun hemm ikla ta' 5 passati u x-xorb ta' ma' l-ikel

*Mużika minn DJ Domenic*

Briju mill-Brass Band

Biljetti **$48** membri u **$50** mhux membri

Ċemplu għall-biljetti **9460-4404** Mob. **0409 961 928**

